# IL-MILIED FIL-QALA FL-IMGHODDI

Anton Buttigieg P.E.P.

Il-Milied hu jum ta' ferħ, ta' hena, ta' sebħ u ta' sliem. Jum għażiż għaliex ifakkarna fil-ħbiberija mill-ġdid li twettqet bejn Alla u l-bniedem.

F'raħal twelidi, il-Qala, il-familji kienu jibdew mill-ewwel ta' Diċembru jaħsbu f'din il-festa. Meta jien kont tfal, ma kienx ikun hawn presepji, imma kull Omm f'kull familja, kienet tpoġġi maxtura tal-kartun fuq il-gradenza f'post prominenti fid-dar, bħala tħejjija għall-miġja tal-Messija.

Ta' IO snin (fil-1920) kont bdejt immur is-Seminarju, ir-Rabat. Mingħand ċertu Guzepp tal-Belt, li kien sangristan il-Katidral, u li kien joqgħod bid-dar taħt il-mina ta' fuq is-Sur, kont xtrajt presepju l-ġmiel tiegħu. Kien jiswa xelin u sitt ħabbiet (5c 2). Ġużepp ma riedx flus, imma ried li bihom nixtrilu l-ġibs biex ikun jista' jużah għall-forom u għall-pasturi.

'Il-quddiem bdew isiru presepji. Min jagħmlu tal-ġebel, min tal-kartapesta, insomma skond il-gosti. Konna nagħmlu djar tal-kartun u l-pasturi konna nixtruhom mir-Rabat. Kull tifel kien iffissat li jkollu l-mitħna u l-ilma nieżel. Konna mmorru nfittxu l-leħjet ix-xiħ minn tarf il-Qala, fejn hemm art selvaġġa. Sagħtar kien hawn bl-abbundanza, u biex inżidu l-ħdura konna nużaw il-ħass li konna ngibuh minn ħdejn il-Belveder. Kienet drawwa tagħna t-tfal li konna nżejnu l-presepju b'bebbux ikkulurit, aħmar, abjad u isfar. F'kamra fid-dar tagħna kont nagħmel il-presepju tiegħi. Ħafna tfal kienu jiġu jarawh bil-lejl, billi kont nuża kwantita' ta' xema li kont nixgħelhom fl-għerien. Illum jużaw dawk il-lampi kkuluriti tal-elettriku.

## Il-Funzjoni tal-Knisja.

L-Altar maġġur kien ikun armat kif imiss, u jiddendel id-damask. Il-knisja kienet tkun miżgħuda bin-nies għall-Quddiesa ta' nofs il-lejl. Qabel il-quddiesa kienet issir purċissjoni mis-Sagristija. Il-Kappillan kien jerfa' Bambin kbir u sabiħ, u fl-aħħar jitla' jpoġġih f'postu fil-gilandra fuq l-altar maġġur. L-abbatini konna nkunu preżenti għall-quddiesa. Niftakar li minn ħin qabel, konna naħbu qniepen żgħar, biex mal intonazzjoni tal-Glorja, kulħadd jinfexx idoqq. Din il-ħaġa konna nistennewha minn sena għall-oħra. Il-funzjoni kienet tieħu fit-tul, pero' kollox kien jispiċċa sas-sagħtejn ta' fil-għodu. L-għada fil-erbgħa ta' fil-għodu kien jerġa' jibda l-quddies, u ħadd mill-parruċċani ma kien ikun sodisfatt jekk ma jismax tliet quddisiet.

Nhar il-Milied fil-għodu t-tfal kollha kienu jqumu jilagħbu l-lewż fit-triqat. Dak iż-żmien karozzi ma kienx hawn, u meta kien jgħaddi xi karettun ma kienx ifixkilhom. L-iktar logħba mfittxija għalina s-subien, kienet il-Fatt. Konna nħażżu ċirku fl-art u npoġġu fih numru ta' lewż. Tmien passi 'l bogħod konna nagħmlu l-Mola, (biċċa ġebla bħala



sinjal).Kien jintlagħab bejn tlitt jew erbat itfal. Konna naqtgħu min jigi l-ewwel u dak li jgib il-boċċa l-eqreb lejn il-Mola, kien imiss lilu li jibda. Dan kien ikollu l-għażla; jew igara mill-ewwel għall-Fatt, u dak il-lewż li joħrog jieħdu, jew iressaq u jqarreb il-boċċa kemm jista' jkun qrib il-Fatt. Ta' warajh jagħmel l-istess ħaġa, sakemm fl-aħħar jintrebħu l-lewż kollha. Dawk li jkunu ressqu qrib il-fatt, imbagħad wara xulxin jippruvaw joħorġu l-lewz mic-cirku biex jeħduhom. Kien isir logħob ieħor f'din il-għodwa bħal tal-Ħofra u taċ-Ċappella.

## Presepju Mekkaniku

Daqs erbgħin sena ilu, Dun Ġużepp Vella kien bena l-ewwel presepju mekkaniku f'Għawdex. Nies minn kull rokna ta' gżiritna kienu jiġu jarawh. Kienu jinkrew xarabanks apposta. Kien fih wisq x'tara! Għax-xenarju hu kiseb l-għajnuna tal-pittur Ġanni Vella. Il-Presepju mbagħad li kien ħolqien tas-saċerdot żagħżugħ kien ħaġa mhux biss monumentali iżda ħajja għax l-għadd kbir ta' pasturi li kien fih, kważi kollha kienu jitħarrku.

Biċċa xogħol tassew sabiħa li kellha x'taqsam mal-grotta, kienet dik tar-rgħajja. Anġlu sabiħ kien jinżel ikanta mis-sema minn ġos-sħab u jiltaqa' mar-rgħajja ġejjin mill-bogħod. Kif jasal ħdejhom, ikellimhom. Dun Ġużepp Vella rnexxielu jagħmel l-esperiment ġdid tal-kliem u jagħtihon it-tħabbira tal-Messija. Imbagħad jitlaq lejn is-sema. Kif hu jibda tiela', stilla sabiħa titfaċċa u tmexxi lir-rgħajja lejn il-grotta fejn huma jidħlu minn bieb fil-ġenb u jħarsu lejn il-Messija f'ħoġor Ommu.

Is-Slaten Maġi kienu jiġu mill-bogħod u joffru r-rigali. Il-pasturi kollha kienu jiċċaqilqu, u moviment li kien wisq għall qalb it-tfal, kien meta minn merħla sħiħa ta' mogħoz, wieħed kien jara żewġ mogħżiet jirrumbaw lil xulxin.

Għall-bidu ħadd ma kien iħallas biex jarah, imma meta ġibdu l-attenzjoni ta' Dun Gużepp biex jagħmel xi ħaġa għall-offerti bis-soldi, ingabret somma tant sabiħa biex biha tħallset l-ispiża biex ikabbru s-Sala Parrokkjali, fejn kien isir il-Presepju.

Illum il-festi tal-Milied fil-Qala saru iktar elaborati. In-nies għandhom iktar flus x'jonfqu. Ma hemmx dar waħda li ma għandhiex Presepju, jew Bambin imżejjen f'tieqa jew gallarija.

Jidħol kemm jidħol materljaliżmu fir-raħal tagħna, il-Milied qatt m'hu ser jitwarrab, għax kemm il-kbir kif ukoll iz-zgħir ikunu jistennewh minn sena għall-oħra. ★